A.L. 120 ta' l-2000

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 u bis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 36 u bl-artikolu 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, l-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-Ordni li ġej:–

Titolu.

1. Dan l-ordni jissejjaħ l-Ordni ta' l-2000 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 8), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". A.L. 32 ta' l-2000.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għall-partiti "San Lawrenz u Xagħra" u "Floriana, Marsa u Valletta" taħt l-intestatura "Kunsill Lokali" u minflok il-kliem "Għad irid jiġi stabbilit" kif indikat taħt l-intestatura "Data tad-delega effettiva" għandu jidħol dan kif ġej:-

Kunsill Lokali	Data tad-delega effettiva
"San Lawrenz	4 ta' Lulju, 2000
Xagħra	Għad irid jiġi stabbilit
Floriana	Għad irid jiġi stabbilit
Marsa	Għad irid jiġi stabbilit
Valletta	4 ta' Lulju, 2000".